MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru 83/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Piu Attard**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fit-3 ta’ Awwissu 2010 kontra Piu Attard  talli nhar il-5 ta’ Lulju 2010 ghall-habta ta’ 13.00 hrs fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat Ghawdex:

1) saq trakk bin-numru tar-registrazzjoni KAI 549 b’taghbija ta’ materjal (Gebel u terrapien) minghajr ma kien mghotti jew maqful sabiex jigi pprevenut li xi parti minnha taqa’ fit-triq jew mod iehor tipperikola s-sigurta’ tat-traffiku jew tal-persuni;

2) saq l-imsemmi trakk meta kellu l-licenzja tas-sewqan skwalifikata mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex bhala Qort ta' Gudikatura Kriminali.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2011 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

"Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat ir-Regolament 68 L.S. 65.19 u l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija."

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Piu Attard li bih appella mis-sentenza msemmija u minnu prezentat fit-18 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba kontra tieghu.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej. Fil-5 fta' Lulju 2010 ghal-habta tas-1.00 pm is-Surgent tal-Pulizija PS 1424 Mario Sciberras u l-kuntistabbli PC 1406 Joseph Parnis kienu fil-parapett tal-ghassa tar-Rabat Ghawdex u minn hemm raw trakk li kien mghobbi b'terrapien minghajr ma kien mghotti. X'hin it-trakk resaq lejhom dawn indunaw li kien bin-numru ta' registrazzjoni KAT 549 u allegatament kien misjuq mill-imputat appellant. Il-pulizija waqqfu lit-trakk. Fuq ordni tal-pulizija l-imputat nizel mit-trakk u mar jghatti t-terrapien biex ma jkunx ta' periklu. Mill-investigazjonijiet irrizulta wkoll li l-imputat kellu l-licenzja tieghu sospiza b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tat-22 ta' April 2010.

**6.** L-uniku aggravju tal-appellant huwa fis-sens li peress li hemm konflitt ta' provi ma jistax jinghad li l-kaz kontra l-imputat gie ppruvat oltre d-dubbju ragjonevoli.

**7.** Ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tiddilunga wisq fuq dan l-aggravju. Il-fatt li jkun hemm konflitt ta’ provi ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzzjoni li ma jistax jinghad li l-htija giet pruvata. Jekk wara li jsir l-apprezzament tal-verzjonijiet kontrastanti l-Qorti tasal biex taghti affidament lil dik il-verzjoni li tkun tinkrimina lill-imputat filwaqt li tasal biex tiskarta dik il-verzjoni li tkun ittendi li tiskolpa lill-imputat allura l-konflitt fil-provi jigi eliminat u tipprevali dik il-verzjoni li tinghata affidament u tkun twassal ghall-htija tal-imputat. Dan hu li gara f’dan il-kaz. Bl-aktar mod skjett u kategoriku l-ewwel Qorti emmnet ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li nvestigaw l-incident u skartat ix-xhieda tal-imputat u x-xhud minnu prodott Louis Attard. Trattandosi ta’ apprezzament ta’ provi, anki fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti in materja din il-Qorti kienet tghaddi sabiex tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Ebda tali ragunijiet serji ma rrizultaw lil din il-Qorti li jistghu iwassluha biex tbiddel id-decizjoni appellata. Anzi l-kuntrarju. Irrizultaw ragunijiet serji sabiex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u sabiex sahansitra taghti l-provvediment infraskritt.

**8.** Dan ghaliex din il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma’ hi stess *viva voce* ix-xhieda li semghet l-ewwel Qorti u ghalhekk hija fil-pozizzjoni li tikkondividi pienament l-apprezzament tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti semghet minn naha l-wahda lis-Surgent 1424 Mario Sciberras u PC 1406 Joseph Parnis kif ukoll lill-imputat Piu Attard u lil neputih Louis Attard.

**9.** Kemm PS Sciberras kemm PC Parnis it-tnejn ikkonfermaw bil-gurament taghhom li meta waqqfu t-trakk fih kien hemm biss l-imputat li kien qieghed isuq it-trakk. Id-diskors sar mieghu u huwa nizel sabiex jghatti t-terrapien. PC Parnis kien dak li tkellem mal-imputat filwaqt

li PS Sciberras kien qed jaghti l-istruzzjonjiet lil PC Parnis. L-imputat xehed li dakinhar fit-trakk kien hemm hu u n-neputi tieghu Louis Attard u jsuq kien Louis Attard waqt li huwa kien fis-seat tal-passiggier.  Louis Attard ukoll jghid li dakinhar kien hu li kien isuq it-trakk u li Piu Attard kien fis-seat tal-passiggier.

**10.** Waqt li kemm is-Surgent 1424 Mario Sciberras kif ukoll PC 1406 Joseph Parnis xehedu bla tlaqliq, b'mod konsistenti u kategoriku kemm l-imputat u x-xhud Louis Attard kienu titubanti, vaxxillanti u evazivi fir-risposti taghhom. Sahansitra, l-avukat difensur tal-imputat, fil-bidu tal-ezami tieghu tal-imputat stqarr:

"Iz-zewg surgenti kemm quddiem l-ewwel Qorti u issa qed jirrepetu storja illi taqbel. Infatti lanqas kelli ghalfejn naghmel domandi ghaliex l-istorja taghhom taqbel mija fil-mija. Issa inti x'ghandek xi tghid?"

**11.** L-imputat fix-xhieda tieghu jghid li ghalkemm huwa kien biss passiggier u l-persuna fis-seat tas-sewwieq kien Louis Attard il-pulizija Parnis kien kellem biss lilu u lil Louis Attard il-pulizija ma kellmuh xejn. Ghall-kuntarju Louis Attard jghid li l-pulizija l-ewwel li kellmu kien lilu u qallu  biex jitfa mal-gemb u saqsieh ghaliex ma kienx mghotti u wiegbu "dak gebel, ma nghattuhx is-soltu". L-imputat, minn naha tieghu jghid li kien hu li qal dan id-diskors lill-pulizija u li l-pulizija kellem lilu biss u ""qalli pparkja, aw, qallu ipparkja mal-hajt" u li "ghidlu jipparkja mal-hajt" qalli "pparkja mal-hajt"". Apparti li juri ftit konfuzjoni jekk il-pulizija qalx lilu biex jipparkja jew qallux jghid lil Louis Attard biex jipparkja dak li jghid ix-xhud ma jaghmilx sens. Ma jaghmilx sens li Louis Attard kien isuq izda l-pulizija jkellmu lilu biss, u cioe' lill-imputat, u lilu jghidu biex jghatti t-terrapien flok lil min kien isuq. Minn naha tieghu, ix-xhud Louis Attard prodott mill-imputat imeri lill-istess imputat ghaliex xehed li l-pulizija l-ewwel li kellmu lilu u kien lilu li qallu biex jipparkja. Imbghad Louis Attard jghid li l-pulizija kellmu lill-imputat ukoll izda ghalkemm l-imputat suppost kien bilqeghda fis-seat ta' magembu ma setax jghid x'diskors sar bejn l-imputat u l-pulizija. Wara li sar konfront bejn l-ufficjali tal-pulizija, li t-

tnejn insistew li fit-trakk kien hemm biss l-imputat fid-driver’s seat, l-imputat mistoqsi ghal aktar minn darba jekk setax jikkonferma bil-gurament li l-pulizija ma kienux qed jghidu l-verita’ din il-konferma ma waslet qatt. Bl-istess mod ix-xhud Louis Attard gie konfrontat mal-pulizija izda ghalkemm mistoqsi ghal aktar minn darba jekk kienx jikkonferma bil-gurament li l-pulizija ma kienx qieghed jghid il-verita’ dil-konferma baqat ma waslitx u kull ma seta jghid kien li jirrepeti “… ma nistax nifhem”.

**12.** Din il-Qorti, ghalhekk, bhall-ewwel Qorti ma taghti anqas l-icken farka ta’ kredibilita’ lill-imputat u lix-xhud Louis Attard fejn dawn jixhdu li fil-fatt kien Louis Attard li kien wara l-*isteering wheel* u li l-imputat kien fis-seat tal-passiggier. Il-Qorti hi ghal kollox konvinta li kif xehedu s-surgent PS1424 Mario Sciberras u PC 1406 Joseph Parnis dakinhar tal-incident kien hemm persuna wahda biss riekba fit-trakk KAT 549 in kwistjoni u li din kienet fis-seat tad-driver u kienet issuq it-trakk u li din il-persuna ma kienet hadd izjed hlief l-imputat. Ghaldaqstant, fid-dawl ta’ dan kollu, l-htija tal-imputat tar-reati dedotti kontra tieghu giet ippruvata minghajr ebda hjiel ta’ dubbju.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta’ l-imputat Piu Attard u tikkonferma s-sentenza appellata.

Inoltre, peress illi l-Qorti hi tal-fehema li l-imputat kif ukoll ix-xhud Louis Attard li xehedu quddiemha fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2011 jistghu irrendew lilhom infushom hatja ta’ spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzonijiet opportuni u fl-eventwalita’ li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra l-imputat u x-xhud Louis Attard li jkunu opportuni u tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------